**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha, 16 ta' Frar, 2018**

**Rikors Nru: 23/10 MLF**

**It-Tabib Justin Agius**

**vs**

**Hubert Pace Decesare flimkien ma' martu Joanne (Josephine Anne) Pace Decesare ghal kull interess li jista' jkollha u Maria Diana Sant Fournier flimkien ma' zewgha James Sant Fournier ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur it-tabib Justin Agius fejn talab sabiex il-konvenuti ikunu ikkundannati li jhallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef seba' mija u tlettin ewro u ghoxrin centezmu (€5730.20) ghal servizzi professjonali ta' dentist moghtija minnu lil Helvia Pace Decesare (awtrici tal-konvenut Hubert Pace Debesare u tal-konvenuta ohtu Maria Diana Sant Fournier), liema servizzi gew kompletati f'Gunju 2008 u jinsabu indikati fuq fattura datata 24 ta' Awwissu 2009, mahruga wara l-mewt tal-istess Helvia Pace Decesare li sehhet fis-7 ta' Jannar 2009.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-ittra nterpellatorja datata 9 ta' Ottubru 2009 kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Ottubru 2009, flimkien mal-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mit-23 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Hubert Pace Decesare, Joanne (Josephine Anne) Pace Decesare, Maria Diana Sant Fournier u ta' James Sant Fournier fejn eccepixxew:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta intimata Joanne (Josephine Anne) Pace Decesare u James Sant Fournier m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent Tabib Justin Agius u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;
2. Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni tar-rikorrent hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan billi ir-rikorrenti m'ghandux dritt ghall-flus imsemmija billi s-servizz imsemmi ma giex moghti;
4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost l-ammont mitlub mhux dovut billi s-servizz, jekk inghata, dan ma kienx skond kif titlob l-arti professjonali;
5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv, u jispetta lir-rikorrent li jipprova li l-ammont huwa dovut skond il-ligi;

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) tat-12 ta' Dicembru 2012, li biha cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez riservati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri.

1. L-attur jghid li ppresta s-servizzi professjonali tieghu ta' dentist lil Helvia Pace Decesare, li kienet tigi z-zija tieghu, fuq medda ta' zmien. Pero t-trattament spicca kompletament f'Gunju 2008. Helvia Pace Decesare mietet fis-7 ta' Jannar 2009.
2. Mill-provi jirrizulta li Helvia Pace Decesare kienet tghix wahedha u kellha carer, certa Mary Portelli, sakemm f'Ottubru 2008 marret tghix f'residenza ghall-anzjani. Kienet mentalment stabbli.
3. Dan it-trattament dentali kien jikkonsisti filli l-attur impjanta erba' (4) implants b'intervent kirurgiku fil-hanek ta' fuq ta' Helvia Pace Decesare, il-hanek kellu jigi mehjut u jithalla biex ifieq ghal erba' xhur.
4. Sakemm kienet qed tistenna l-hanek ifieq, Helvia Pace Decesare kienet qed ikollha tiekol bi snienha ta' quddiem biss, u konsegwenza ta' dan l-erba' snien ta' quddiem inkisru, u kellhom bzonn trattament estensiv – hija hallset ghal dan it-trattament waqt li kien qed isir.
5. L-attur jghid li billi l-attrici kienet inkwetata bl-ammont ta' xoghol u spejjez, ghazlet kontra l-parir tieghu li jsirulha snien tal-acrylic minflok tal-porcellana mhallta mal-hadid. Hu jghid li dawn bdew jinkisru kwazi immedjatament, u kellha bzonn diversi tiswijiet li ghalihom ma zammilhiex flus. Eventwalment hija ddecidiet li tissostitwixxi s-snin b'dawk tal-porcellana mhallta mal-hadid.
6. L-attur ma baghatx il-kont ghall-implants, u Helvia Pace Decesare mietet fis-7 ta' Jannar 2009. F'Awwissu 2009, huwa baghat il-kont lit-tfal eredi taghha, Hubert Pace Decesare u Diane Sant Fournier.
7. Min-naha l-ohra l-konvenuti jinsistu li fl-2008 Helvia Pace Decesare kienet marida hafna, u ma setghetx tmur regolarment ghand dentist.
8. Ghalkemm jammettu li kellha problema bi snienha, Hubert Pace Decesare, it-tifel taghha, jghid li dan kien dovut ghax l-attur ma kienx qed jaghtiha servizz skond l-arti u s-sengha.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti se tikkonsidra biss l-mertu ta' dawn il-proceduri u t-tielet sal-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti, stante li l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti gia gew decizi minn din il-Qorti (diversament preseduta) kif fuq inghad.

It-tielet eccezzjoni hija li t-talba attrici m'ghandhix tigi milqugha ghax s-servizz ma inghatax. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, mill-provi migjuba, l-attur ipprova ghall-inqas sal-bazi tal-probabbli, li hu ppresta s-servizzi li jiddeskrivi fid-dettal fix-xhieda u r-rapport tieghu. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset is-segwenti xhieda:

1. Il-konvenut Hubert Pace Decesare, it-tifel tal-pazjenta, xehed b'mod mill-ahhar kontradittorju u inattendibbli. Fil-bidu tax-xhieda tieghu jghid hekk: *"Ma niftakarx marretx ghand dentist. I mean I have no idea jigifieri. Qatt ma naf li marret jiena. Sa fejn naf jien, naf li kellha xi haga f'snienha jigifieri imma ma nafx."*[1] Jekk kien jaf li ommu – li kellha circa tmenin sena – kellha problema bi sninha, kien obbligu tieghu li jara li johodha ghand dentist. Jghid ukoll li minhabba problem ta' sahha, kien difficli ghal ommu biex tohrog, ghalkemm forsi kienet tohrogha l-*carer* taghmel xi qadja, sa' Ottubru 2008, meta mbaghad dahlet f'dar residenzjali ghall-anzjani. In kontro-ezami, jammetti li jista' jkun li l-*carer* jew ohtu, l-konvenuta Diane Sant Fournier, li kienet toqghod bieb ma' bieb ma' ommu, wasluha ghand dentist, ghax *"ma nafx x'ghamlu"*.[2] Imbaghad l-istess xhud jammetti wkoll li kien hemm okkazzjoni wahda fejn wassalha hu stess l-clinic tal-attur u qallu biex itha l-ahjar trattament li kellha bzonn. Jghid li dan kien xi sentejn jew tlieta qabel ma mietet. Jghid li hu qal lill-attur dan id-diskors ghaliex *"... ... jiena ghax rajtha dejjem tbati. Allura kont dejjem inhoss ghaliha u speci ta' ma' kienx jaghmlilha l-affarijiet sew ... ... jipprova jirrangalha ghax she couldn't live like that. She couldn't eat properly."* Jammetti li ommu kienet qed taghmel trattament regolari fi snienha, pero jghid li dan kien dovut ghal fatt li l-attur ma kien jaghmlilha xoghol sew u wara ftit xhur snienha jaqghu. Pero jghid li minkejja dan hu qatt ma mar ilmenta mal-attur – li wiehed ma jridx jinsa hu wkoll kuginuh – dwar ix-xoghol allegatament hazin li kien qed jaghmlilha, u lanqas jaf jekk ommu regghetx marritx ghandu meta snienha regghu bdew jaqghu. Jispicca billi jghid

[1] Ara fol. 64 tal-process.
[2] Ara fol. 90 *et seq.* tal-process.

li ommu kienet bniedma li ma kienitx titkellem *"You know, one of those people, illi dejjem issofri and she didn't use to talk about it. We never knew what was happening to her, sometimes."* Kull kumment ta' din il-Qorti fuq din ix-xhieda ikun superfluwu.

2. Min-naha l-ohra l-konvenut James Sant Fournier xehed b'mod kredibbli u jaghti konfort lill-verzjoni tal-attur. Dan il-konvenut huwa r-ragel tal-konvenuta Diane Sant Fournier, li tigi t-tifla tal-mejta Helvia Pace Decesare. Fl-affidavit tieghu hu jghid li jaf li Helvia Pace Decesare kienet tiehu xi servizz minghand il-konvenut, u kienu jwassluha kemm hu kif ukoll il-*carer*, sakemm dahlet fid-dar residenzjali. Hu xehed li meta kienet tohrog minghand l-attur, Heliva qatt ma kienet tghidlu x'servizz ikun taha, imma jghid *"naf li kienet tghidli li kienet hallsitu imma ta' xiex ma nafx."*[3] In kontro-ezami jghid li hu kien johodha ghand id-dentist bejn sitt xhur u sena qabel ma mietet – li jattalja maz-zmien li fih l-attur jghid li kien ipprestalha s-servizzi.

Fid-dawl ta' din ix-xhieda, din il-Qorti ma tistax tara kif it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti tista' tigi milqugha.

Ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti hi li s-servizzi li ta l-attur ma kienux skont l-arti u s-sengha. Huwa vera li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuti jezercitaw l-istess professjoni tal-attur u ghalhekk ma humiex nies kompetenti biex jaghtu opinjoni dwar jekk is-servizzi li ta l-attur kienux skond l-arti u s-sengha. Minkejja din l-allegazzjoni taghhom, ma jirrizultax li l-konvenuti, jew xi hadd iehor, qatt ha lil Helvia Pace Decesare ghand xi dentist iehor, ghax ma kienux kuntenti jew hi ma kienitx kuntenta bis-servizzi li kien qed itiha.

Pero, kemm fix-xhieda tieghu kif ukoll fir-relazzjoni teknika tieghu, l-attur jghid li hu kien ta parir lil Helvia Pace Decsare biex is-snien taghmilhom tal-porcellana mhallta mal-hadid, pero hi insistiet li taghmilhom tal-acrylic ghax kienu orhos. Effettivament, is-snien tal-acrylic bdew jinkisru, u eventwalment kellha tissotitwihom bi snien tal-porcellana mhallta mal-hadid. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Francica et v. Buhagiar**, fejn gie ritenut hekk: *"Bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'il quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol*

[3] Ara fol. 82 tal-process.

*jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritam artis u hu obbligat li jirresisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent, u ghalhekk mhux legalment validu l-argument li x-xoghol ma sarx sewwa ghax hu ghamlu kif riedu l-kommittent ... ...'*[4]

L-istess ragonament li hu konsistentement applikat fil-kuntest ta' l-appalt, ghandu japplika fil-kuntest ta' prestazzjoni ta' servizzi professjonali. Ladarba, l-attur kien jaf li s-snien tal-acrylic ma kienux tajbin – ghall-inqas ghall-bzonnijiet taghha – u kellu l-obbligu li jirrifjuta li jwahhlilha dawn is-snin, anki jekk hi riedet lilhom ghax kienu jiswew inqas.

Konsegwentement, din il-Qorti se tilqa' in parte din l-eccezzjoni, u sejra tnaqqas l-ammont ta' €838.56 – l-valur ta' dawn is-snin tal-acrylic, skond l-invoice rilaxxata mill-attur stess, mill-ammont pretiz mill-attur.

Il-hames eccezzjoni tal-konvenuti hija li l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv. Il-konvenuti ma ressqu l-anqas l-icken prova biex jipprova jissustanzjaw din l-allegazzjoni taghhom, u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tichad it-tielet u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti,
2. tilqa' in parte ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti,
3. tilqa' in parte t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef tmin mija u wiehed u disghin euro u erba' u sittin centezmu (€4891.64), u tichadha ghar-rimanenti bilanc.
4. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur l-imghax legali fuq l-imsemmi ammont mid-data tat-23 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

---

[4] Ara wkoll fl-istess sens **Muscat Biagio v. Falzon Anthony** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) 12 ta' Mejju 2003.

5. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tas-sentenza preliminari, u dawk tal-ittra interprellatorja tad-9 t'Ottubru 2009 u tal-ittra ufficjali tad-19 t'Ottubru 2009 ghandhom jithallsu disghin fil-mija (90%) mill-konvenuti u kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) mill-attur.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**